MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 798/2002/1

**Monarch Advertising Ltd.**

**v.**

**Anthony Baldacchino f'ismu proprju u ghan-nom ta' Sagirus Limited.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**
B'citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Lulju 2002, is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' (LM6,860.89) sitt elef u tmien

mija u sittin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu rapprezentanti prezz ta’ servizzi resi lis-socjeta` konvenuta u fuq struzzjonijiet taghha stess; illi minkejja li gie interpellat sabiex ihallas il-konvenut proprio et nomine baqa’ inadempjenti; illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-Artikolu 167 tal-kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u li fl-opinjoni tas-socjeta` attrici il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet validi skond il-ligi x’jaghtu, u oltre l-fatt illi s-socjeta` attrici tiddikjara li jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:

Tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ (LM6,860.89) sitt elef u tmien mija u sittin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu kolloz kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru: pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fil-5 ta’ Jannar, 2004 il-konvenuti eccepew;

Illi, fl-ewwel lok, l-eccipjent Anthony Baldacchino f’ismu proprju ma kellu l-ebda rapport kwalsiasi mas-socjeta` attrici u ghalhekk ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, huwa dovut lis-socjeta` attrici ammont inferjuri ghal dak pretiz skond l-att tac-Citazzjoni, liema ammont ma thallasx lill-istess socjeta` anke billi naqset milli tikkonsenja kif kienet obbligata li taghmel ritratti tal-ftuh tar-“*restaurant*”, u tar-“*restaurant*” innifsu, ta’ Sagirus Ltd.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-verteza b'sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu, 2006 bil-mod segwenti:
"Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi hlief ghal dak li se jinghad, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, tmien mija u disgha u disghin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm5,899.49)[1]; tillibera pero` lill-konvenut personalmemt mill-osservanza tal-gudizzju u f'dan is-sens tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu; l-ispejjes jithallsu mis-socjeta` konvenuta."

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi mill-atti processwali jidher car illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici gie biss kontestat fl-ammont li kien dovut barra mill-kwistjoni ta' jekk il-konvenut kienx ukoll personalment responsabbli ghad-dejn.

"Il-konvenuti ma ressqu ebda provi *nonostante* li kellhom kull opportunita` li jaghmlu dan. Mix-xiehda ta' Alan Meadows u ta' Tristan Meadows jidher li s-socjeta` konvenuta kienet hallset parti mill-ammont mitlub u qatt ma semmiet xejn dwar l-allegati nuqqasijiet da parti ta' l-atturi. Kien biss meta l-konvenuti rcevew in-nota ta' l-eccezzjonijet illi qamet din il-kwistjoni. F'kull kaz is-socjeta` konvenuta jew il-konvenut ma ressqu ebda prova kif kien id-dover legali taghhom li jaghmlu biex isostnu din l-eccezzjoni taghhom.

"Fir-rigward ta' jekk il-konvenut kellux jitharrek personalment, ghalkemm naturalment kien hu bhala direttur li dahal ghall-obligazzjoni kontrattwali, dan jidher li dejjem sar f'isem is-socjeta` konvenuta tant li kull dokument jindika l-isem ta' din is-socjeta`. Ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax tghid li ma kinitx taf b'dan. Anke c-*cheques* li bihom saru l-pagamenti huma f'isem is-socjeta` konvenuta u mhux f'isem il-konvenut

[1] Illum €13,742.11

personalment. Ghalhekk il-konvenut ma kellux jitharrek f'ismu *proprio*."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'hekk, b'rikors intavolat fit-18 ta' April 2006, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qort joghgobha (1) tiddikjara n-nullita` tas-sentenza hekk moghtija ghar-raguni li x-xiehda moghtija kif fuq inghad minn Alan Meadows u Joseph Anthony Muscat hi assenti mill-atti tal-kawza u konsegwentement tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel Qorti, jew sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel talba hawn maghmula, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddeciedi li l-ammont bilancjali dovut lis-socjeta` attrici hu ta' LM4,860.89 (illum Euro 11,322.83) minflok dak deciz fis-sentenza appellata, oltre li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jigu divizi proporzjonalment bejn il-kontendenti, bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici appellata resqet risposta ghar-rikors promotur tas-socjeta` konvenuta fejn stqarret li s-sentenza appellata hija ekwa u gusta u timmerita li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi konfermata bl-ispejjez ta z-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

Is-socjeta` konvenuta ressqet tlett aggravji kontra s-sentenza fuq riportata u dawn jikkoncernaw:-

a) In-nullita` tas-sentenza appellata in kwantu ma jirrizultawx, *in atti,* xi traskrizzjonijiet ta' xhieda ta' persuni li tressqu bhala tali. Dan l-aggravju, izda, gie irtirat waqt l-udjenza tal-15 ta' Jannar 2008, u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tikkunsidrah aktar.

b) It-tieni aggravju jikkoncerna l-ammont dovut billi qed jinghad li l-ammont huwa anqas minn dak li ddikjarat bhala dovut l-ewwel Qorti billi saru pagamenti ta' LM4,660.89 u cioe` Euro10,856.95.

c) It-tielet aggravju jikkoncerna l-kundanna hlas ta' l-ispejjez tal-kawza billi qed jigi sottomess li la darba t-talba kienet ghall-ammont aktar minn dak dovut, kellu jsir apporzjonament fl-ispejjez.

**Ikkunsidrat:**

Kif gia` rajna l-aggravju dwar in-nullita` tas-sentenza gie irtirat, tibqa' ghalhekk il-kwistjoni ta' kemm hu verament dovut mis-socjeta` konvenuta appellanti. Dwar dan l-aggravju ssir referenza ghal dak li gie verbalizzat, ukoll fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2008, u cioe` "*Id-difesuri tal-partijiet jaqblu li f'kwalunkwe kaz li d-dokumenti esebiti a fol-47-55 rapprezentanti cekkijiet ta' APS Bank infatti juru hlasijiet li effettivament saru mis-socjeta` appellanti.*" Issa minn ezami ta' dawn id-dokumenti jidher car li dak li qed jigi allegat fir-rikors ta' l-appell ma ghandux mis-sewwa. Infatti dawn id-dokumenti, li fir-realta` huma kopji fotostatici ta' "*cheques*" mahruga, fil-maggor parti taghhom, minn L. Baldacchino fuq l-APS Bank u favur is-socjeta` attrici appellata, juru li thallsa biss l-ammont ta' LM2,200 (ossia Euro 5,124.62) u mhux l-ammont ta' LM4,660.89, kif qed jigi allegat fir-rikors ta' l-appell. Effettivament dan l-ammont li jirrizulta mid-dokumenti a fol. 47-55, u li jinsab rispekkjat fli "*statement of account*" tas-socjeta` attrici, huwa ferm anqas mill-ammont li l-istess socjeta` attrici appellata qed tghid li hija irceviet minn ghand is-socjeta` konvenuta.

Minn dan jidher li dan l-aggravju mhux biss mhux gustifikat izda li l-appell sar b'mod superficjali u ghalhekk din il-Qorti mhux biss sejra ma tikkunsidrax it-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti, billi wkoll ma tara xejn hazin fil-mod l-ewwel Qorti iddisponiet dwar l-ispejjez, izda sejra wkoll tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez a tenur ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti; u stante li l-appell jirrizulta frivolu u vessatorju

tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` appellata l-ispejjez ghal darbtejn

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------